MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 246/2011

**A B**
**vs**
**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disgha (9) ta’ Gunju ta’ l-elfejn u wiehed (2001) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla li llum ghandha disa’ (9) snin;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta’ sentenza ta’ l-Onor. Imhallef Joseph Azzopardi mis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Marzu ta’ l-elfejn u ghaxra (2010) (Ara Dok B anness);

Illi l-partijiet ilhom il-fuq minn hames (5) snin ma jghixu flimkien infatti ir-rikors guramentat fil-kawza tas-

separazzjoni kien gie pprezentat fl-ghaxra (10) ta' Ottubru, elfejn u sitta (2006);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom hames (5) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn / familji godda;

Illi skond is-sentenza citata (Ara Dok B anness, pagna 4) l-intimat hu obbligat li jhallas is-somma ta' mija u hamsin euro (€150) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri u huwa qatt ma kien inadempjenti;

Illi skond l-istess sentenza (Ara Dok B, pagna 4) ir-rikorrent iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-intimat jaqbel mal-fatti kollha kif esposti fir-rikors tar-rikorrenti martu u ma hux joggezzjona ghat-talbiet taghha illi din l-Onorabbli Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Ottubru, 2011;

Rat ir-risposta ta' l-intimat;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti, u dana peress illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erbgha snin. Effettivament kienu ipprezentaw il-kawza tas-separazzjoni fl-10 ta' Ottubru, 2006;

Rat illi irrizulta illi l-intimat ihallas regolarment il-manteniment ghal bint minuri tal-partijiet u qatt ma kien inadempjenti;

Rat ukoll illi ir-rikorrenti kienet iddekkadiet mid-dritt taghha ghal manteniment u dan kif jirrizulta mis-sentenza ta' din il-Qorti esebita a fol. 5 sa fol. 9 ta' dan il-process;

Rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------